MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 426/2004

**Alfred Zammit**

**vs**

**Raymond Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond numru ghaxra (10), Triq Zabbar, Paola, u il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (LM 640.50), jew dak l-ammont iehor, li ma jeccedix l-elfejn lira Maltija (LM2,000), li jkun dovut minnu bhala kera lill-istess attur, skond l-iskrittura privata tat-tmienja (8) ta' Awissu, 2002, sad-data tal-izgumbrament effettiv, stante li hu naqas li josserva l-kundizzjonijiet tal-kirja skond l-imsemmija skrittura privata, li kopja taghha hi hawn esebita bhala Dok A1, kollox kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Lulju, 2004, u bl-imghax kummercjali, kontra tieghu, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dokument illi gie esebit;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestax it-talbiet attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat kif ukoll b’hekk il-konvenut jigi ordnat jizgombra mill-fond imsemmi. (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 ta’ Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talbiet tal-attur u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-fond numru 10 Triq Zabbar, Paola u ghal din il-fini qed jigi iffissat terminu perentorju ta’ tlett (3) xhur millum. Il-Qorti qeghda ukoll tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt mija u erbghin lira u hamsin centezmu (LM 640.50) bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------